MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Numru 507/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Paul Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Paul Camilleri ta’ 28 sena iben Anthony u Carmen nee` Vella, imwieled Pieta` fid-9 t’Ottubru 2003 detentur ta’ karta ta’ l-identita` numru 0500175M u residenti 22, Mount Carmel, Triq Saljaturi, Mqabba gie akkuzat talli nhar il-25 ta’ Jannar 2003 ghal habta ta’ 05.10hrs fi Triq Valletta gewwa z-Zurrieq, (a) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti waqt li

kien qed isuq karozza tal-marka Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni PAO 100 kkaguna incident stradali li fih ikkaguna offiza ta' natura gravi li ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh u li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Joseph Barbara miz-Zurrieq kif gie iccertifikat minn Dr Peter Muscat bi ksur tal-art 225 u 226 1(a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JA 3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li hemm diskrepanzi serji bejn il-verzjoni li l-imputat taha quddiem din il-Qorti fis-Seduta tal-25 ta' April 2005 u dak li l-istess imputat qal meta xehed fl-Inkjesta quddiem l-Espert Dr Veronica Aquilina fis-Seduta tal-25 ta' Jannar, 2003. Hekk illi fis-seduta quddiem l-Espert, (ara fol 50 tal-Process Verbal Dok RB 1), l-imputat, qal: "Xrobna normali, jigifieri jiena xrobt xi sitta vodka". Mentri quddiem din il-Qorti l-imputat, fis-Seduta tal-25 ta' April, 2005, qal: "Nghid illi jien dak il-lejl kont xrobt xi haga tal-birra pero` nghid li mhux hafna, nghid xi tnejn jew tlieta birra".

Diskrepanza ohra hi meta l-imputat quddiem l-imsemmija espert l-istess imputat qal: "Nghid li kif tikser il-kantuniera hdejn il-*ground* tal-*football* int u sejjer lejn iz-Zurrieq, kien hemm tappiera ezatt fin-nofs quddiemi maqlugha 'l fuq bl-ilma hiereg minnha. Jiena evitajtha billi qbizt lejn is-*side* l-iehor u ezatti wara skiddjajt. Il-karozza bdiet iddur u jiena ma stajtx nikkontrollaha, sibt ruhi maqlub rasi 'l isfel." Mentri quddiem il-Qorti l-imputat, fl-istess Seduta tal-25 ta' April, 2005 qal: "Jien x'hin wasalt fid-direzzjoni sejjer lejn

iz-Zurrieq hemmhekk kien hemm hafna ilma u x'hin kont tiela' smajt daqqa fuq in-naha tal-passiggier. Jiena tlift il-kontroll tal-karozza li kont qed insuq jien u x'hin wasalt fin-nofs tat-triq rajt dawl qawwi gej. Jien smajt daqqa kbira. Jien spiccajt ghal ftit sekondi ma nafx x'gara imbaghad sibt ruhi gewwa l-karrozza tieghi bil-karozza tieghi qeghda rasha 'l isfel". "…………………" "Nixtieq nghid illi in kwantu ghalhoss li ghidt li smajt li kien fuq in-naha tal-passiggier dan kien qieghed kif irrizultali wara li kien infaqaghli t-tyre tan-naha ta' quddiem tal-passiggier u dan wara li kienet gholiet tappiera mill-art."

Mis-suespost jirrizulta li l-imputat qed jaghti zewg verzjonijiet differenti tat-tip ta' xorb li xorob dak il-lejl u l-kwantita` ta' xorb li ha, kif ukoll dwar kif sehh l-incident mertu ta' din il-kawza.

Rigward il-konsegwenzi li sofra Joseph Barbara f'sahhtu kagun ta' dan l-incident il-Qorti tirreferi senjatament ghad-deposizzjoni ta' Mr Charles Swain (Seduta tat-22 ta' Novembru 2004) ghad-deposizzjoni li taha Dr Peter Muscat Consultant Psychiatrist fis-Seduta tat-2 ta' Frar, 2005 u ghad-dokument Dok PMP 1 (fol 36 tal-Process) esebit mill-istess Dr Peter Muscat Consultant Psychiatrist. Hawn il-Qorti sejra ticcita is-segwenti mill-imsemmi Dok PMP 1 (kopja tac-certifikat rilaxxjat minn Dr Peter Muscat Consultant Psychiatrist) "This is to certify that Mr Barbara sustained a head injury during a road traffic accident on 25.01.03. He was a passenger and found unconscious in an overturned car which had crashed." "……………………………….." "In my opinion his altered and disturbed mental state is due to damage caused to the frontal lobe of his brain resulting in a Frontal lobe Syndrome and Post concussion sydrome. His global Assessment of Functioning (GAF) scale is 55 and percentage psychological disability is 25%."

Issa l-Qorti sejra ticcita minn parti mir-Relazzjoni tal-espert Dr Veronica Aquilina li wkoll tinsab fil-Process Verbal Dok RB1: "Mistoqsi dwar il-velocita` tal-vettura tieghu nru. PAO 100 fil-hin ta' l-incident, Paul Camilleri xehed li '*ma nistax nghid izda ma kontx ghaddej bis-*

*sahha’*. Il-passiggier tieghu Josef Barbara xehed li huma kienu mexjin b’madwar erbghin mili fis-siegha, velocita` accettabbli jekk wiehed iqis biss il-fatt li Triq il-Belt Valletta taqsam lokalita` rurali fejn sehh l-incident.

Izda zgur li din il-velocita` kienet wahda pjuttost qawwija u mhux prudenti tenut kont tal-fatt li kif xehed l-istess Paul Camilleri ‘*Dak il-hin li konna sejrin lura kienet hafna xita u kien hemm l-ghadajjar. Kien iz-zlieq*’ u wkoll tenut kont ta’ dak li qal Josef Barbara fix-xhieda tieghu ‘*qghadna nistennew ix-xita tieqaf ghaliex kienet niezla sew. Wara xi kwarta jew ghaxar minuti tlaqna minn hemm ……. Nghid li baqghet xita izda mhux daqshekk qalila. Meta wasalna Triq il-Belt Valletta biex nidhlu iz-Zurrieq, sibna hafna ilma fit-triq’* u dak li qal is-sewwieq, tal-vettura HAC 051 Mario Zammit ‘*Kienet hafna xita u sahansitra kien niezel is-silg. Fit-triq kien hemm madwar pied ilma minhabba li joqghod l-ilma fiha.’*

Jinghad ukoll li Paul Camilleri naqas fuq punt iehor, cioe` hu qabez il-linja bajda kontinwa li tissepara z-zewg karregjati principali ta’ Triq il-Belt Valletta. Dan kif irrizulta mill-posizzjoni tal-vetturi sussegwenti ghall-incident in kwistjoni, kif ukoll mix-xhieda.”

F’dan l-istadju il-Qorti sejra ticcita l-konkluzjonijiet numru 9), numru 10) u numru 11) tar-Relazzjoni tal-Espert Tekniku Joseph Zammit li jinsab fil-Process Verbal esebit bhala Dok RB 1:

9) “Illi fil-fehma tal-esponent dan l-incident sehh minhabba telf ta’ kontroll da parti tal-Peugeot li kien qieghed jinstaq fil-maltemp u b’xita niezla, bi speed eccessiv u sabiex jiskarta ghadira kbira li kienet tinsab fil-kareggjata tax-xellug, is-sewwieq gibed lejn il-lemin tat-triq fejn hemm sab tappiera miftuha, u laqat ir-rota ta’ quddiem li b’hekk telfitu il-kontroll tal-vettura u bl-istess velocita` li biha kien ghaddej, il-vettura tkaxkret fuq il-genb tax-xellug u baqa’ diehel fil-Hyundai Accent li kienet gejja mid-direzzjoni opposta.

10) Illi l-Peugoet spicca b'hekk maqlub fuq is-saqaf tieghu bil-quddiem jhares inkaxxat gol-hajt tal-ghalqa mal-genb tat-triq fuq ix-xellug.

11) Illi mill-ezaminijet teknici li l-esponent ghamel fuq iz-zewg vetturi ma nstabet l-ebda hsara fuq xi wahda minn dawn il-vetturi li biha dan l-incident seta' gie ikkagunat."

Ezaminati l-provi prodotti u fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li rigward l-incident mertu ta' din il-kawza l-imputat Paul Camilleri hu unikament responsabbli ghalih billi fic-cirkostanzi li kien qed isuq fihom saq b'velocita` eccessiva u inoltre qabez il-linja bajda kontinwa ghall-karregjata l-ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi li l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imsemmi imputat fil-kawza odjerna tirrizulta b'mod sodisfacenti.

Rat l-artikoli 218 u 225 tal-Kap 9 ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 226 (1)(a) tal-Kap 9 u l-istess artikolu 226 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Paul Camilleri hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-istess imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Paul Camilleri ghall-piena ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Paul Camilleri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Paul Camilleri sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin Liri Maltin u seba' u sittin centezmi (Lm282.67) rappresentanti spejjez inkorsi rigward in-nomina tal-Esperti fl-Inkjesta li l-Process Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB 1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------